22004D0046

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 46/2004

tat-23 ta' April 2004

li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 160/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ([1]).

(2) D-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/160/KE tas-7 ta' Marzu 2003 li temenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlement Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-halon1301 u l-halon 1211 ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 21aa (Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX li jinsab mal-Ftehim:

"– **32003 D 0160**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/160/KE tas-7 ta' Marzu 2003 (ĠU L 65, tat-8.3.2003, p. 29)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2003/160/KE fil-lingwa Islandiż u dik norveġija, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2004, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE tal-, u fis-Suppliment ŻEE tal-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 58.
([2]) ĠU L 65, tat-8.3.2003, p. 29.
(*) Ma huma indikati ebda ħtiġiet kostituzzjonali.